Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 16/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Preżenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Skużat |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Skużat |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Online |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Skużat |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżeni |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**16. 1 Ittri ta' Apoloġija**

16.1.1 Il-President semma li s-Sur Pierre Dalli, is-Sur Vincent Borg, is-Sur Wayne Aquilina, is-Sur Joseph Abela Galea, is-Sur Alfred Zammit talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenjni personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw jitniżlu bħala skużati.

**16.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.15**

16.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 15 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**16.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 13**

16.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Neil Attard u s-Sur Dominic Grima ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Diċembru 2022 u 26 ta' Jannar 2023 li kienet tammonta għall-€56,372.22.

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

**16.4 Komunikazzjoni oħra mill-President**

**16.4.1 Ħaddiema RSSL**

Il-President spjega li l-overtime li jagħmlu dawn il-ħaddiema fil-lokalita' għand jitħallas mill-Kunsill Lokali rispettiv. Dan wara li jintbgħatu l-attendenzi lil RSSL.
Il-President semma li f' Marzu, il-grupp tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni ser ikunu mal-Kunsill Lokali ta' Paola.

**16.4.2 Flyers – Immaniġjar tal-iskart**

Il-President semma li l-flyers fil-lokalitajiet issa kienu tqassmu kollha.
Is-Segretarju spjega li kien ukoll ta ammont ta' flyers lil LESA, lill-Pulizija tal-Komunita' kif ukoll lill-ERA sabiex dawn jitqasm fejn ikunu hemm bżonn.

**16.4.3 Laqgħa ERA, LESA u Community Police**

Il-President semma li r-Reġjun organizza laqgħa ma' tliet entitajiet tal-infurzar flimkien mas-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali. Il-President semma li din kienet laqgħa produttiva. Semma li kien ġie wkoll stabbilit qafas ta' kif ser jibdew jagħddu l-ilmenti u li għandu jkun hemm sistema ċentralizzata li l-ilmenti jagħddu mir-Reġjun għal għand l-entita' kkonċernata. Kien hemm ukoll ftehim li l-ERA tagħddi informazzjoni lir-Reġjun kull tliet xhur fuq multi li l-ERA tkun ħarġet matul il-perjodu.
Is-Sur John Boxall propona li r-Reġjun jinvesti fi proġett ta' CCTVs madwar il-lokalitajiet skond is-sġġerimenti ta' kull loklaita'. Dan il-proġett jinħadem flimkien mal-Aġenzija LESA sabiex jinħarġu kontravenzjonijiet fejn ikun hemm abbużi minn residenti li jarmu skart bl-addoċċ. Is-Sur Boxall propona dan il-proġett ikun isosstni lijlu nnifsu peress li d-dħul mill-kontravenzzjonijiet imantnu l-istess proġett.

**16.4.4 Tribunal Industrijali ex-Segretarju Eżekeuttiv Reġjun Port**

Il-President semma li l-kawża Industrijali li nefetħet fit-Tribunal Industrijali mill-ex-Segretarju Eżekuttiv kienet ġiet mirbuħa. Semma li kien għadu m' għaddiex iż-żmien tal-appell.

**16.4.5 Skema għall-latrini awtomoatiċi**

Il-President semma li kien hemm konferma mid-Diviżjoni li r-Reġjun ser ikun parti mill-iskema. Il-President semma li kien hemm komunikazzjoni mid-Diviżjoni li dawn il-fondi ser ikunu qed jittieħdu mill-fond li r-Reġjun diġa għandu li huma allokati għal skemi mid-Diviżjoni.
Semma li ser tkun qed tintbgħat ċirkulari sabiex tinġabar lista ta' latrini u l-istat tagħhom li r-Reġjun jista' jikkunsidra bħala parti mill-proġett.
Fuq proposta tas-Sur Boxall issekondata mill-President, il-Kumitatt qabel li għandu jibda xogħol preliminari sabiex jiġi ikkunsidrat dan il-proġett.

| | |
|---|---|
| **16.4.6 Wine Festival** | Il-President semma li kien hemm talba ta' kooperazzjoni mis-settur privat sabiex ir-Reġjun jipparteċipa u jikkollabora f' din l-attivita' li ser tinżamm bejn it-23 u l-25 ta' Ġunju 2023. Il-President semma li din l-ispiża ser tiswa lir-Reġjun madwar €7,000. Is-Sur John Boxall semma li huwa jipproponi li r-Reġjun jorganizza din l-attivita' u mhux ikun parteċipi. Semma li wasal il-waqt li r-Reġjun jibni l-identita' tiegħu u jieħu rwol importanti f' attivitajiet Reġjonali. Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika mal-kumpanija privata li kellmitu u jerġa' lura bir-risposti. Is-Sur Boxall semm li għandhom jingħaqdu tliet lokalitajiet mir-Reġjun u din l-attivita' issir bejniethom. |
| **16.4.7 Social Impact Assessment** | Il-President semma li skond riċerka li saret mill-Assoċjazzjoni dan jiġi jiswa' madwar €80,000. Semma li r-Reġjun ser ikun qed jaħdem fuqu fil-jiem li ġejjin. |
| **16.4.8 Laqgħa Immaniġjar tal-Iskart – Skart Kummerċjali** | Il-President semma li nhar it-2 ta' Frar 2023, ir-Reġjun kellu skedata laqgħa mas-Segretarju Permanenti kif ukoll mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-kuntrattur sabiex ikun diskuss l-iskart kummerċjali u xi problemi oħra li jista' jkun hemm. |
| **16.4.9 WebApp – Immaniġjar tal-iskart** | Il-President semma li qed jingabru kwotazzjonijiet sabiex issir WebbApp biex tintuża fuq bażi Reġjonali u permezz tagħhha residenti u anki ħaddiema tal-Kunsill Lokali jkunu jistgħu jdaħlu l-ilmenti relatati mal-iskart. |
| **16.4.10 Laqgħa Ġenerali Annwali** | Il-President semma li bejn Mejju u Ġunju ser tkun organizzata l-laqgħa ġenerali annwali tar-Reġjun Port. |
| **16.4.11 Interim Audit Reġjun Port** | Il-President semma li r-rapport rigward l-Interim Audit tar-Reġjun Port li sar mill-NAO kien lest. Semma li r-Reġjun għandu kopja ta' dan ir-rapport. |
| **16.4.12 Business Breakfast - URBACT** | Il-President fakkar lil dawk preżenti li nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar ser ikun organizzat Business Breakfast sabiex jiġi imnidi l-program finanzjarju URBACT. |
| **16.4.13 Skips** | Il-President semma li l-kuntrattir kien ikkomunika l-prezz addizzjonali ta' kull skip fil-lokalita' ser ikun ta' €300 VAT esklużi għal kull skip. Is-Sur Grima irrimarka li din ir-rata hija għolja biex il-Kunsill Lokali jżomm l-iskips. Il-President semma li ser tkun qed tintbgħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali sabiex wieħed jieħu deċiżjoni biss pero l- |

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

ewwel kien ser jistenna l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari ssir sabiex jara l-eżodu ta' din il-laqgħa.

**16.4.14 Ġbir ta' skart mill-iskejjel pubbliċi**

Il-President semma li jidher li hemm numru ta' skejjel fil-lokalitajiet li qed ikollhom numru ta' boroż suwed biex jinġabru. Semma li dan jindika li l-iskejjel mhux jisseparaw l-iskart kif suppost. Għaldaqstant, semma li r-Reġjun ser jara l-possibbilita' li jagħmel programm edukattiv mal-iskejjel sabiex isir b' mod għaqli r-riċiklaċċ fis-sors. Dan iwassal biex tkompli titnaqqas il-borża s-sewda.

**16.4.15 Belt Kulturali Ewropea**

Is-Sur John Boxall semma li dakinhar filgħodu kien attenda għal-laqgħa flimkien mas-Sindki tal-Kottonera, l-Onor Owen Boniċi u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zeraf Civelli. Semma li s-suġġett tal-laqgħa kien il-Belt Kulturali Ewropea.
Is-Sur Boxall enfasizza l-importanza li r-Reġjun ikompli bil-proċess li kien beda fis-sena 2020 meta kien issottometta applikazzjoni għal istess titlu. Semma li dan ifisser li issa r-Reġjun ma jistax imur lura minn kelmtu. Is-Sur Boxall semma li kien jidher biċ-ċar waqt il-laqgħa li saret filgħodu li r-Reġjun irid jalloka fondi għal Bid Book.
Is-Sur Pulis semma li waqt l-istess laqgħa dawk preżenti rrimarkaw mal-Ministru li din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa fil-preżenza tal-President tar-Reġjun.
Il-President semma li r-Reġjun sipiċċa waqa' lura minħabba t-tnikir ta' ħaddieħor u kemm il-komunikazzjoni kienet intbgħatet lid-Diviżjoni mingħajr l-ebda indikazzjoni ta' x' kellu jsir.
Kien konkluż li tintalab laqgħa mal-Ministru u mas-Segretarju Parlamentari biex jiġi diskuss is-suġġett.
Is-Sur Boxall semma li ġie diskuss ukoll li l-attivita' tal-aħħar tas-sena li saret fil-Kottonera, issir attivita' annwali bejn il-lokalitajiet fil-Kottonera u r-Reġjun Port u li tkun attivita' immirata għar-residenti tal-lokalitajiet tal-Kottonera.

**16.4.16 Awla Tribunal Lokali Żejtun**

Is-Segretarju semma li l-uffiċju amministrattiv ta' Tribunal kien ġie trasferit biex jopera mill-Binja tal-Gvern Lokali ġewwa l-Marsa. Il-President semma li fix-xhur li ġejjin ir-Reġjun joħroġ is-sejħa għall-kiri tal-awla.
Is-Sur Jorge Grech semma li l-Kunsill gaħndu spazju li jista' jikri.
Il-President semma li trid tinħareġ sejħa għall-espressjoni ta' interess.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Is-Segretarju semmiet li wara li fix-xhar ta' Diċembru impjegata mir-Reġjun Nofsinhar kienet ġiet mislufa biex tassisti fir-Tribunal Xlokk, din iddeċidiet li minn Jannar din ma tistax tibqa' tagħti dan is-servizz. Għaldaqstant, it-Tribunal reġa' qiegħed f' sitwazzjoni li m' għandux biex jagħmel is-seduti. Semmiet li id-Diviżjoni kienet bagħtet erba' min-nies taħt l-iskema tal-RSSL sabiex jassitu fit-Tribunal. Semmiet li bħal issa flimkien mal-Kummissarju għall-Ġustizzja il-ħaddiema kollha li hemm assenjati fit-Tribunal Żejtun qed jieħdu taħriġ strutturat fuq l-operat u l-proċeduri ta' Tribunal.

Semmiet ukoll li sakemm jinħatar Reġistratur is-seduti qed jiġu kollha diferiti. Semmiet li qed ikun hemm pressjoni biex is-seduti jibdew mill-aktar fiss possibbli u ma nistgħux nibqgħu niddefirixxu aktar.

**16.4.17 Aġent Reġistratur Tribunal**

Is-Segretarju spjegat li l-unika tama hija li l-ħaddiema klerikali li ijlha taħdem ġewwa t-Tribunal madwar dawn l-aħħar seba' snin tiġi maħtura Aġent Reġistratur.

Il-President semma li minkejja li huwa ma jara xejn ħażin xtaq jiġbed l-attenzjoni li fl-uffiċju tar-Reġjun hemm impjegata oħra fi skala 16 u li din ma tistax tavvanza'l quddiem minħabba li hemm barriera li minn skala 16 wieħed ma jistax jitla' skala 15. Il-President propona li din għandha wkoll tiġi kkunsidrata li titla' skala.

Is-Sur John Boxall irrimarka li wieħed ma jista; jorbot każ ma' ieħor u li r-Reġjun għandu jagħti prijorita' fejn hemm il-probelmi. Semma li t-Tribunal għandu jiffunzjona kif sppost.

Għaldaqstant l-Kumitat qablu li s-Sa. Audrey Abdilla għandha tinħatar bħala Aġent Reġistratur b' effett immedjat.

Kien hemm qbil li toħroġ is-sejħa interna għar-Reġistratur u Deputat Reġistratur.

**16.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba Kwart tas-Sena 2022**

16.5.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Dominc Grima, il-Kumitat approva r-rapport hekk kif preżentat.

**16.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-Sena 2022**

16.5.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva r-rapport hekk kif preżentat.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

**16.5 Aġġornament**

16.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**
**President Reġjun Xlokk**

**Lianne Cassar**
**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**